MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 703/2013

Joseph Mizzi
vs
Karl Bonaci u martu Romina Bonaci, u Network Enterprises Limited (C-30553)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Joseph Mizzi li permezz tieghu espona:

1. Illi r-rikorrent huwa kreditur tal-intimati fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf Ewro (€29,000), oltre l-imghaxijiet legali, mislufa minnu lill-intimati fl-1 ta' Jannar 2010 in konnessjoni man-negozju taghhom.

2. Illi filwaqt li l-intimati jirrikonoxxu dan id-dejn, bl-imghaxijiet, u ilhom issa zmien jittamaw lir-rikorrenti li ser ihallsuh, sal-lum baqghu inadempjenti.

3. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi sa fejn jaf ir-rikorrent, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

(i). tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

(ii). Tikkundanna lill-intimati flimkien u *in solidum* ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' disgha u ghoxrin elf Ewro (€29,000), dovuta minnhom bhala rifuzjoni ta' flus avvanzati lilhom in konnessjoni man-negozju, kif fuq inghad, bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Jannar 2010 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru prezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokument ezibiti mir-rikorrent.

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Mizzi fejn semma:

"1. Jiena kreditur tal-intimati fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf Ewro (€29,000), oltre' l-imghaxijiet legali, li jiena slift fil-31 ta' Jannar 2010 in konnessjoni man-negozju taghhom. Il-flus kont ghaddejthom lil Karl Bonaci personalment.

2. L-intimati jirrikonoxxu dan id-dejn, bl-imghaxijiet, izda ghalkemm ilhom issa zmien jittamaw lir-rikorrent li ser ihallsuh, sal-lum baqghu ma hallsux. Ghall-ewwel Karl Bonaci weghedni li ser ihallas lura f'pagamenti ta' €5,000, izda ma hallas xejn. Wara accettajt li nircevihom f'pagamenti ta' €1,500 u harigli cekkijiet f'dan l-ammont

fuq il-kumpanija taghhom Network Enterprises Limited. Thallast darbtejn €1,500, b'kollox €3,000, akkont tal-imghaxijiet, u regghu waqfu l-pagamenti.

3. Jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap.12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi sa fejn jaf ir-rikorrent, l-intimati ma ghandhom ebda.

4. Dawn il-fatti nafhom personalment u nista' nixhed dwarhom."

Rat il-verbal tal-lum minn fejn jirrizulta:
"Il-partijiet assistiti minn Dr. Pawlu Lia u minn Dr. Sharon Mizzi jiddikjaraw li jaqblu li l-ammont imsemmi fir-rikors guramentat hu kollu dovut u li ghalhekk l-intimat ghalih, ghal martu u ghal Network Enterprises Limited qed jammetti dan id-debitu u l-partijiet jaqblu li l-intimati ghandhom ihallsu, u r-rikorrenti jaccetta dan id-debitu bil-mod segwenti: Pagamenti rateali ta' Ewro1,300 u jibdew jithallsu mill-31 ta' Ottubru, 2013 sakemm jithallas l-ammont totali bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi. Ukoll il-partijiet jaqblu li jekk l-intimati jfallu pagament wiehed l-ammont kollu jigi dovut mill-intimati. Inoltre l-intimati jiddikjaraw huma ser jipprovdu reklamar b'valur sa massimu ta' Ewro12,000 liema ammont jitnaqqas mill-ammont dovut mill-pagamenti msemmija u dana bir-rati tas-soltu li gieli saru bejn il-partijiet u li dwarhom ir-rikorrent qed jaqbel. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu kontra l-intimati.

In vista tal-verbal Dr. Mizzi pprezentat nota ta' ammissjoni fit-termini tal-verbal."

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-intimati t-talba tar-rikorrent tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghha qed tikkundanna lill-intimati flimkien u *in solidum* ihallsu lir-

rikorrenti s-somma ta' €29,000, dovuta minnhom bhala rifuzjoni ta' flus avvanzati lilhom in konnessjoni man-negozju, kif fuq inghad, bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Jannar, 2010 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------